Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.

Appell Nru: 167/2018

Il-Pulizija

Vs

Mark Gaffarena

Illum 24 ta' Jannar 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Mark Gaffarena detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 447176M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fis-17 ta' Awwissu 2017 ghal habta ta' 8:20hrs gewwa Triq Profs Carmelo Coleiro Hal Qormi l/o Handaq

1. Iddepozita jew halla f'xi triq jew post pubbliku sabiex jingabar xi recipjent iehor jew il-karta wzata, flixkun, landa, kaxxa tal-kartun jew recipjent iehor jew xi karta, tiben jew materjal iehor uzat ghall-ippakkjar u dan id-depozitu sar qrib laned taz-zibel, skips jew recipjenti ohra li kienu qeghdin f'post pubbliku jew privat li kienu provduti jew approvati mill-Gvern.

2. Talli rema, tefa' jew xorta ohra ddepozita f'post fil-berah u li l-pubbliku ghandu access ghalih minghajr hlas u jhalli xi haga tkun li tkun f'cirkustanzi li jikkaguna, jikkontribwixxi jew li jista' jwassal ghal tkerrih biz-zibel u skart ta' xi post fil-berah.

3. Talli ghamel uzu minn vettura bin-numru tar-registrazzjoni GAF 666 tal-marka Toyota fl-ghemil ta' reat kontra d-disposizzjonijiet tal-ligi, tordna l-konfiska ta' dik il-vettura ghal zmien ta' mhux anqas minn xahrejn izda mhux izjed minn sena u sospensjoni ghal zmien daqs dak ta' kull licenzja tas-sewqan tkun f'isem minn jaghmel reat matul liema zmien ir-riskju tal-vettura jibqa' ghas-sid.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-21 ta' Marzu, 2018, fejn il-Qorti sabet lill-imputat hati b'dan illi l-ewwel akkuza hi assorbita fl-ohrajn;

Rat l-artikoli 9(1A), u 9(3) tal-kap 206 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkundannat lill-imputat ghal multa ta' €1200 (elf u mitejn euro) u ordnat il-konfiska tal-vettura GAF 666 ghal xahrejn kif ukoll issospendiet ghall-istess perjodu kull licenzja tas-sewqan tal-hati.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Mark Gaffarena, ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-2 ta' April, 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tvarja s-sentenza moghtija fil-konfront tal-esponenti billi tiddikjara illi f'dan il-kaz kellha tinghata multa skont id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 9(1) tal-Kapitolu 206 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Mark Gaffarena huma s-segwenti u cioe`:-

Illi f'dan il-kaz l-unika xhieda li giet prodotta kienet dik tal-pulizija permezz ta' affidavit. Illi l-appellanti mhux qieghed jikkontesta li huwa rema borza taz-zibel u di fatti kien skuza ruhu tramite l-avukat tieghu mal-Qorti.

Illi dak li qieghed ikun ikkontestat huwa illi l-esponenti jissottometti illi l-Ewwel Qorti kienet applikat l-artikolu hazin tal-ligi, jigifieri, dina applikat fil-konfront tal-appellant l-artikolu 9(1A) tal-Kap 206 minflok l-artikolu 9(1) tal-istess Kap.

Illi dawn iz-zewg artikoli jaghmlu differenza fl-ammont tal-multa li tigi adoperata mill-Qorti u fejn il-multa moghtija fl-artikolu 9(1A) ghandha titqies bhala aggravju fil-kazijiet fejn l-iskart jew zibel ikun wiehed sostanzjali.

Illi f'dan il-kaz mhux kontestat li l-esponent rema borza taz-zibel u li din fil-fehma tal-esponenti ma tikkostitwix aggravju bhalma meta xi hadd ibattal xi trakk mimli u ghalhekk hija l-fehma tal-esponenti illi l-Ewwel Qorti kellha tapplika fil-konfront tal-esponenti l-artikolu 9(1) tal-Kap 206 u mhux l-artikolu 9(1A) tal-istess Kap.

Rat is-sentenza preliminari moghtija minnha nhar is-6 ta' Novembru 2018 fejn cahdet l-ecezzjoni ta' nullita sollevata mill-Avukat Generali u ordnat il-kontinwazzjoni tal-kawza.

Semghet lill-partijeit jittrattaw l-kaza u dan fis-seduta tal-11 ta' Dicembru 2018 fejn talbu lil din il-Qorti taghti is-sentenza finali taghha.

Ikkunsidrat.

Illi l-prosekuzzjoni fl-ewwel lok ghogbitha takkuza lill-appellant bl-akkuza

1. "Li ddepozita jew halla f'xi triq jew post pubbliku sabiex jingabar xi recipjent iehor jew il-karta wzata, flixkun, landa, kaxxa tal-kartun jew recipjent iehor jew xi karta, tiben jew materjal iehor uzat ghall-ippakkjar u dan id-depozitu sar qrib laned taz-zibel, skips jew recipjenti ohra li kienu qeghdin f'post pubbliku jew privat li kienu provduti jew approvati mill-Gvern.
2. Talli rema, tefa' jew xorta ohra ddepozita f'post fil-berah u li l-pubbliku ghandu access ghalih minghajr hlas u jhalli xi haga tkun li tkun f'cirkustanzi li jikkaguna, jikkontribwixxi jew li jista' jwassal ghal tkerrih biz-zibel u skart ta' xi post fil-berah.
3. Talli ghamel uzu minn vettura bin-numru tar-registrazzjoni GAF 666 tal-marka Toyota fl-ghemil ta' reat kontra d-disposizzjonijiet tal-ligi, tordna l-konfiska ta' dik il-vettura ghal zmien ta' mhux anqas minn xahrejn izda mhux izjed minn sena u sospensjoni ghal zmien daqs dak ta' kull licenzja tas-sewqan tkun f'isem minn jaghmel reat matul liema zmien ir-riskju tal-vettura jibqa' ghas-sid

Jinghad li l-ewwel akkuza hija dik naxxenti mill-artikolu 3 tal-Kap 206 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi s-segwenti:-

"Ħadd ma' jista' jarmi, jitfa' jew xort'oħra jiddepożitaf'post, ġewwa post, jew minn xi post, fil-beraħ li l-pubblikugħandu d-dritt jew jista' jidħol fih mingħajr ħlas, u jħalli, xi ħaġatkun li tkun f'ċirkostanzi tali li tikkaġuna, tikkontribwixxi, jew litista' twassal għal, it-tkerrih biż-żibel u skart ta' xi post fil-beraħ,kemm-il darba dak id-depożitu u t-tħollija ma jkunux awtorizzatib'liġi"

Din id-disposizjoni tal-ligi tinkorpora l-ewwel u it-tieni akkuza moghtija fil-konfront tal-appellant.

Dwar din l-akkuza ma hemmx wisq x'jinghad ghaliex l-appellant kien irregistra ammissjoni ghal din l-akkuza nhar il-21 ta' Frar, 2018 u cioe' dakinhar li kien deher il-Qorti u dan minghajr ma l-Qorti ghaddiet biex tisma' xi provi tal-partijiet.

Fl-atti pero' hemm esebit l-affidavit ta' PS 1585 li qal li kien ircieva telefonata anonima fejn gie mgharraf li kien hemm persuna li kienet ghada kemm waqfet bil-karozza taghha u tefghet ammont ta' zibel barra. Mill-fatti migbura mis-CCTV cameras il-pulizija irnexxilha tara li l-vettura inkwisjtoni kellha n-numru ta' registrazzjoni GAF 666 tal-ghamla Toyota u kienet tghajjat lil Mark Gaffarena. Huwa ghakhekk baghat ghal dan Mark Gaffarena l-appellant u mistoqsi jekk kienx hemm persuna li qed taghmel uzu mill-vettura tieghu dak in-nhar tas-17 ta' Awwissu, 2017 jghid li kien hu stress u meta gie muri ir-ritratt li l-pulizija kellha f'idha, u cioe' ritratt tieghu jarmi z-zibel, huwa ammetta mieghu li kien hu li ghamel hekk. Illi pero' l-entita' taz-zibel li gie mormi ma jirrizutlax mill-atti minkejja li l-prosekuzzjoni kellha f'idejha ritratt taz-zibel li gie mormi.

Jinghad li l-piena li din il-Qorti ghandha taghti ghas-sejba ta' htija dwar l-artikolu 3 tal-Kap 206 hija dik misjuba fl-artikolu 9 ta' l-istess kap li jipprovdi s-segwenti:-

9.(1) "*Jekk xi ħadd jikser xi waħda mid-disposizzjonijiet ta'dan l-Att, barra mill-artikolu 4, jew jikser xi ordni magħmul skontl-artikolu 8, ikun ħati ta' reat u jeħel, meta jinsab ħati, multa ta'mhux anqas minn tlieta u għoxrin euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (23.29)*"

Illi is-subinciz (1A) ta' l-istess artikolu 9 jipprovdi li:

*" Jekk f'reat li għalih japplika s-subartikolu (1) min jagħmel ir-reat jarmi skart, swill jew żibel ta' dak id-daqs jew f'dik il-kwantità jew ta' dak il-kumulu li, meta tqisu waħdu jkun biżżejjed biex iwassal għat-tħassir ta' xi post fil-beraħ, dan jeħel, meta jinsabħati, multa ta' mhux inqas minn elf, mija u erbgħa u sittin euro udisgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69) iżda mhux iżjed minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu(2,329.37)."*

Illi ghalhekk sabeix il-Qorti tapplika dan is-subinciz, il- prosekuzzjoni kellha tipprova li l-iskart li rema l-appellant f'dan il-kaz kien *ta' dak id-daqs jew f'dik il-kwantità jew ta' dak il-kumulu li, meta tqisu waħdu jkun biżżejjed biex iwassal għat-tħassir ta' xi post fil-beraħ.*

Illi ghalhekk l-legislatur ma tefax kull skart li jigi mormi fl-istess keffa izda donnu is-subinciz (1) jipprovdi ghal skart ikun li jkun waqt li fis-subinciz A, l-iskart irid ikun ta' certu entita'. Illi fil-kaz odjern il-prosekuzzjoni ma pprovatx l-entita o' meno ta' l-iskart li gie mormi mill-appellant minkejja li kellha ir-ritratti f'idejha li ma gewx esebiti.

Il-ligi tipprovdi ukoll li apparti li din il-Qorti timponi multa f'kaz ta' sejba ta' htija ghandha ukoll skond is-sub inciz (3) ta' l-istess artikoli 9 tordna il-konfiska tal-vettura li bih ikun sar ir-reat. Dan is-subartikolu jipprovdi s-segwenti:-

*"Jekk xi vettura tkun ġiet użata fl-egħmil ta' reat kontra d-disposizzjonijiet tal-artikolu 3, il-Qorti għandha, **fuq talba tal-prosekuzzjoni** u <u>b'żieda</u> għall-piena preskritta fis-subartikolu (1) u(lA), <u>tordna</u> l-konfiska ta' dik il-vettura għal żmien ta' mhux anqas minn xahrejn iżda ta' mhux iżjed minn sena u s-sospensjoni għal żmien daqs dak ta' kull liċenza tas-sewqan li tkun f'isem min jagħmel ir-reat, matul liema żmien ir-riskju tal-vettura jibqa' għas-sid"*:

Illi jirrizulta li fil-kaz in desamina l-prosekuzzjoni ma ghamlet l-ebda talba ghal-konfiska tal-vettura, anzi mitluba x'ghandha xi tghid dwar il-konfsika tal-vettura fis-seduta tal-21 ta' Frar 2018 hija tghid li qed tirrimetti ruha u imkien ma jirrizulta li ghamlet talba ad hoc ghall iskwalifika tal-vettura.

Ghaldaqstant din il-Qorti qeda tikkonfemra is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fir-rigward tal-htija pero' qeda timmodifikaha fir-rigward tal-peina inflitta b'hekk qeda tilqa' l-appell tal-appellant b'dan illi qed tiddikjara li qed issib lill-appellant hati tal-

akkuzi kif dedotti kontra tieghu u tikkundnanah ihallas multa ta' mitejn u hamsin euro (€250).

Qeda pero tirrevoka dik il-parti tas-sentenza fejn ordnat l-konfiska tal-vettura GAF 666 ghal-xahrejn u fejn ordnat is-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan ghall-istess perijodu.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur